# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

Appell Numru: 193/2014

Appell Numru: 201/2014

**Seduta tal-25**

**Il-Pulizija**

**(Supt. Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Mark Zahra**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-2 ta' Ottubru, 1971, detentur tal-karta tal-identita' numru 449371(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant/appellat Mark Zahra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' hin bejn it-07:50 ta' filghodu tas-16 ta' Ottubru, 2005 u d-9:15 ta' filghodu tas-16 ta' Ottubru, 2005:

> Ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' gojjellerija, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (LM 1000), bil-mezz, kif ukoll bil-lok, sar ghad-detriment ta' Grazio Cachia mill-Fgura, u dan bi ksur tal-artikioli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 27(3) u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara li tammonta ghal aktar minn elf mija u erbgha u sttin Euro u sebgha Euro centezmu (LM 500) saret ghad-detriment ta' Grazio Cachia mill-Fgura u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

U finalment talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'liema sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta datata 30 ta' Marzu, 2004 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel, inghata il-liberta bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin u dan bi ksur tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' April, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278(3) u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap 446, sabet lill-imputat Mark Zahra hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih. Hadet in konsiderazzjoni is-sentenza datata 30 ta' Marzu 2004, fejn l-imputat kien misjub hati fuq ammissjoni ta' serq tal-valur ta' LM34.85 kif ukoll l-addebitu tar-recidiva u ghalhekk kkundannatu b'mod globali ghal sentenza ta' prigunerija ghal zmien tlettax (13) il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta' Mejju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi <u>tikkonfermaha</u> f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat:

- **Mark Zahra** ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghufilwaqt illi <u>tirrevoka</u> l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellat u cioe' fil-parti fejn kkundanat lil:
- **Mark Zahra** għal tlettax-il xahar priġunerija u minflok tgħaddi sabiex tinfliġġi piena idonea u fil-parametri li tikkontempla l-liġi sabiex tirrispekkja l-gravita' u ċ-

ċirkostanzi kollha li akkumpanjaw is-serq subit mill-vittma Grazio Cachia, u sabiex tikkundanna lill-akkużat iħallas l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti.

Rat l-aggravji tal-appellanti Avukat Generali u cioe':-

> Illi l-appellant ħassu aggravat b'mod ċar u manifest in kwantu għas-segwenti tliet (3) aggravji: (i) il-piena erogata mhijiex fil-parametri dettati mil-liġi; (ii) l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ppronunzjatx ruħha fir-rigward tal-akkuża tal-ħsara volontarja, u (iii) l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ppronunzjatx ruħha għar-rigward tas-setgħa li hija għandha *ai termini* ta' artikolu 533 tal-Kodici Kriminali li tikkundanna lill-akkużat sabiex iħallas lill-esperti li ġew inkarigati mill-Qorti.
>
> <u>L-Ewwel Aggravju</u>
>
> Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti mhijiex fil-parametri prospettati mil-liġi. L-akkużat instab ħati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur u lok. Abbażi ta' artiklu 278(3) tal-Kodiċi Kriminali l-akkużat kellu jiġi kkundannat għall-piena ta' serq ikkwalifikat bil-mezz *ai termini* ta' artikolu 278(1) tal-Kodiċi Kriminali u cioe' priġunerija minn ħames (5) xhur sa tliet (3) snin. Tali piena trid tiżdied bi grad u ma tridx tingħata fil-minimum. *Di piu'*, abbażi ta' artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali l-akkużat kellu jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax (13)-il xahar sa seba' (7) snin. Komplessivament, bl-applikazzjoni ta' artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali li sussegwentement jagħmel referenza għall-artikli diġa' ċitati, cioe', artiklu 278(3), 278(1) u 279(b), l-akkużat kellu jiġi kkundannat għall-piena li hemm għas-serq akkumpanjata b'dawk il-kwalifiki.
>
> Illi l-akkużat huwa wkoll reċidiv *ai termini* tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. Fatt illi, għalkemm diskrezzjonali fuq l-ewwel Onorabbli Qorti, l-istess Qorti ħadet tali addebitu tar-reċediva meta ġiet biex teroga l-piena fil-konfront tal-appellat. Għaldaqstant, l-esponent umilment jissottometti illi l-piena li għandha tigi inflitta fil-konfront tal-akkużat għad-delitti li hu ġie akkuzat bihom fil-proċeduri odjerni għandha tiġi riveduta minn din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tad-dispożizzjoni tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u cioe, fir-rigward tat-tieni kundanna, il-piena għandha tiżdied bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

Illi fid-dawl tas-suespost, il-piena ta' tlettax (13)-il xahar priġunerija erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti bl-ebda mod ma tinkwadra fid-diċitura tal-artikli suċitati.

It-Tieni Aggravju

Illi hekk kif ġie ampjament ippruvat permezz tal-Procés Verbal imħejji mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D., LL.M. datat tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) l-akkużat għamel ħsara volontarja fuq il-proprjeta' tal-vittma Grazio Cachia, *inter alia,* sgassa tieqa tal-aluminium ta' kulur id-deheb, faqa' l-ħġieġa u kisser purtella tal-injam hekk kif hemm imsemmi a fol. 3 tal-istess Procés Verbal u dan *ai termini* ta' artiklu 325 tal-Kodiċi Kriminali. Minkejja li din il-ħsara volontarja da parti tal-akkużat fl-ebda ħin u bl-ebda mod ma ġiet ikkontestata u l-ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu, l-ewwel Onorabbli Qorti ma għamlet l-ebda aċċenn għal dan ir-reat fis-sentenza mogħtija minnha u kwindi dan il-fatt ma ttiħidx in konsiderazzjoni fil-kwantita' tal-piena erogata fil-konfront tal-akkużat.

It-Tielet Aggravju

Illi fil-każ odjern ġew imqabbda esperti sabiex jirreletaw dwar dan id-delitt biex jikkonfemaw il-veraċita' *o meno* tal-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tal-akkużat Mark Zahra. Għal dan il-għan, *ai termini* ta' artiklu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-ewwel Onorabbli Qorti kellha b'mod tassattiv tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk l-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-Procés Verbal. Fil-verita' dan ma sarx mill-ewwel Onorabbli Qorti hekk li ma sar l-ebda aċċenn għal dan il-fattur fis-sentenza mogħtija u kwindi dan il-fattur ma ttiħidx in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Zahra minnu pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tanulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk tillibera lill-appellant mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant Mark Zahra u cioe':-

Illi l-ewwel nett in kwantu ghad-dewmien, jinghad li verament illi kien hemm xi differimenti ghaliex l-avukat difensur ma' jkunx presenti waqt li tigi msejha l-

kawza tal-appellant. Sfortunatament dina hija diffikulta li numru ta' avukati prattikanti jiltaqghu maghha 'n kwantu l-kawzi fil-maggorparti taghhom kollha jibdew fid-disgha [suppost] 9.00am, imbaghad wiehed jara kif jillapazza. Izda bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti ma' qalet xejn dwar il-fatt li l-allegat serqa saret fis-sena 2005 u l-Pulizija ressqet lill-akkuzat hames [5] snin wara. Dan id-dewmien esegerat, certament li ma' jahtix ghalih l-avukat tal-appellant meta naqas li jidher.

Illi ghalhekk l-esponenti jikkontendi bid-dovut rispett li d-difiza ghandha ragun tirraguna illi l-piena f'kaz ta' htija, ghandha tirrifletti l-fatt li hawn si tratta ta' kaz li sehh disa [9] snin ilu. Illi decizjonijiet ta' natura kostituzjonali in kwantu dewmien bla bzonn dejjem taw xi forma ta' rimedju f'sitwazzjonijiet bhal dawn u ghal ghandu jiggudika ghandu jzomm dan il-fattur f'mohhu;

Illi in kwantu il-htija, jinghad li verament l-esponeti ma' tax spjega ta' kif l-impronta sabet ruhha fuq ix-xena tad-delitt, anzi jmur oltre u jghid li qatt ma' dahal ghand Cachia, id-derubat. Illi pero jibqa' l-fatt li fil-kamp penali ahna mghallma li bi prova cirkostanzjali wahda biss, minghajr ebda prova ohra anke jekk cirkostanzjali ukoll, il-kaz tal-pulizija ma' ghandux jirnexxi. Illi dina hija s-sitwazzjoni li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha u ghalhekk bid-dovut rispett l-esponenti jikontendi li huwa kellu jigi lliberat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi permezz ta’ sentenza preliminari datata l-20 ta’ Marzu 2019, din il-Qorti pproċediet sabiex tannulla s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali ordnat illi l-każ jiġi trattat mill-ġdid u l-aggravji ta’ Mark Zahra u l-Avukat Ġenerali jiġu kkunsidrati bħala sottomissjonijiet fil-mertu.

Rat it-trattazzjoni tal-partijiet maghmula quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-05 ta' Gunju 2019 fejn il-partijiet iddikjaraw li qed jistriehu fuq l-atti tal-kawza u s-sottomissjonijiet minnhom hekk maghmula.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant gie mixli bir-reat tas-serq aggravat u dik tal-hsara volontarja bl-akkuzi jgorru maghhom l-addebitu tar-recidiva flimkien ma' ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn allura l-Prosekuzzjoni tallbet lil Qorti titratta mieghu ghar-reati li dwarhom hu kien gie misjub hati fejn inghatat lilu sentenza alternattiva ghal dik tal-prigunerija.

Illi dan il-kaz imur lura ghas-sena 2005, bl-appellant jigi mixli bil-kummissjoni tar-reati lilu addebitati biss hames snin wara meta l-pulizija irceviet informazzjoni anonima dwar l-involviment tal-appellant fil-kummissjoni tar-reat fejn allura l-Magistrat Inkwirenti giet mitluba tirredigi *proces verbal* addizzjonali sabiex jigu elevati l-impronti digitali u palmari tal-appellant mill-espert minnha nominat. Wara li nghalqet l-inkjesta magisterjali b'mod definittiv, u allura mill-konkluzjonijet hemmhekk raggunti waqa' suspett fuq l-appellant, inharrgu l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirriżulta illi nhar is-16 ta' Ottubru 2005 seħħet serqa mir-residenza ta' Grazio Cachia sitwat fl-indirizz 116, Triq Kent, il-Fgura. Id-derubat jispjega li kif irritorna lura d-dar mill-quddies għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu nduna li kien ġie misruq, fejn fost l-oġġetti li nsterqulu kien hemm diversi ġojjelli ta' valur li jeċċedu l-hamest elf Liri Maltin. Jidher illi l-malvivent ksieb access ghad-dar tal-vittma permezz ta' sgass fil-bieb tar-residenza u allura sehhet hsara fil-propjeta tieghu senjatament fl-aperturi u fl-għamara. Illi wara

dan giet varata inkjesta magisterjali, madanakollu l-pulizija ma irnexxiliex tasal biex tistabbilixxi l-identita' tal-malvivent

Wara t-trapass ta' xi snin rriżulta fil-kors tal-investigazzjonijiet, li l-ispettur Malcolm Spiteri, kien irċieva telefonata anonima fejn ġie nfurmat li l-appellant Mark Zahra kien involut fis-serqa in kwistjoni. Illi b'dan giet infurmata l-Inkwirenti mill-gdid fejn gew elevati l-impronti palmari u digitali ta'l-appellant u sar l-ezami komparattiv mill-espert Joseph Mallia nominat fl-*in genere* ma'dawk l-marki tas-swaba li kienu gew elevati *a tempo vergine* minn fuq ix-xena tas-serqa. Mill-konkluzjonijiet raggunti mill-espert rriżulta li kien hemm qbil posittiv ma' waħda mill-impronti elevati, senjatament mas-sebgħa tan-nofs ta' l-id xellugija tal-appellant. L-appellant jigi mitkellem mill-pulizija u rinfaċċjat bil-provi kontrih, izda jinnega li qatt daħal fir-residenza tal-vittma u li allura kien responsabbli għas-serqa kommessa.

Ikkunsidrat:

Illi ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fattispecje ta' dan il-kaz, izda l-appellant jibqa jishaq l-innocenza tieghu dwar l-involviment tieghu f'din is-serqa. L-appellant inoltre jikkontendi illi hu ma jistax jinstab ħati a bażi ta' impronta unika li nstabet fuq il-post tad-delitt ghalkemm kien hemm qbil pozittiv mas-sebgħa tan-nofs ta' idejh ix-xellugija. L-appellant jibqa' jinnega kategorikament li hu qatt daħal fir-residenza tal-vittma. Fid-difiza minnu mqanqla huwa isostni illi l-Qorti ma tistax tibbaża ruħha fuq ċirkostanza unika li mhijiex korroborata sabiex tasal ghal sejbien ta' htija.

Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi din il-Qorti ghandha teroga piena in konformita mal-ligi fejn ghandu jittiehed kont tal-addebitu tar-recidiva u inoltre ghandu jkun hemm il-kundanna ghal hlas ta'l-ispejjez peritali skont id-dettami tal-

artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fl-eventwalita' illi l-appellant jigi misjub hati tar-reati lilu addebitati.

Illi din il-Qorti minnufih tistqarr illi ma tistax taqbel mas-sottomissjoni maghmula mid-difiza illi l-prova maghmula permezz ta' impronti digitali mhijiex wahedha sufficjenti ai fini ta' sejbien ta' htija, purche' din tkun indikattiva b'mod univoku u lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, tal-presenza tal-persuna akkuzata fuq ix-xena tar-reat u dan minghajr raguni plawsibbli.

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

> **"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.**

Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" [7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-pulizija ghalbiex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment 'il quddiem, tistrieh fuq '9 points'. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbatax (14) il-*"point of comparison"*

L-awtur Blackstones spiss iccitat mill-qrati taghna fil-ktieb tieghu "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-

> **"Properly presented** ***fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,*** **in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**
>
> **See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**
>
> ***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

"Fil-fatt it-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il-kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata.[1]"

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja[2]** :

---

[1] Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb

**"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik limpronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".**

Ukoll, skond is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[3] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

**Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**

**L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**

---

[2] Deciza fis-7.5.2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

[3] Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

**'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.**[4]

Ikkunsidrat:

Illi esposti l-fatti probatorji w abbinati mal-gurisprudenza in materja, huwa indubitat illi gjaladarba l-appellant ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar il-presenza tal-marka tas-swaba tieghu fuq ix-xena tad-delitt, din il-Qorti ma tista' tara l-ebda mottiv ghad-dhul illegali tieghu fir-residenza ta' terza persuna injota ghalih jekk mhux ghal skopijiet mhux legittimi. Illi mhuwiex ikkontestat illi sehhet serqa minn ġewwa dar residenzjali u allura minn post li mhuwiex aċċessibbli għall-pubbliku. Huwa indubitat ukoll illi l-appellant Zahra qatt ma kellu l-kunsens mis-sid sabiex jaccedi fir-residenza tieghu ghal xi raguni jew ohra. Ma jidhirx mill-atti illi hemm xi prova li b'xi mod tiggustifika l-preżenza tal-impronti digitali tal-appellant fuq ix-xena tar-reat. Illi l-*lifter* elevat u li maqbul mas-subgha tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-appellant u iddokumentat bhala 05

---

[4] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.

DGJ 301 gie elevat minn landa b'dizinji li jiffiguraw xena Ciniza bi sfond iswed, u precizament minn naha ta' fuq ta' din il-landa hekk kif jitnehha l-ghatu taghha. Mir-ritratti esebieti mill-ufficjali tax-xena tar-reat PS239 Joseph Caruana u PC404 Paul Camilleri u senjatament dawk immarkati bhala 05 DGJ 42 u 05 DGJ 32 din il-landa kienet tinsab gewwa kexxun ta' gradenza li gie miftuh mill-malvivent liema gradenza tinsab fis-sular ta' fuq tar-residenza. Jidher illi f'din il-landa kienet mahzuna xi gojjellerija billi hemm kaxxi ohra fil-vicinanzi li ukoll fihom xi gojelli[5]. Dan huwa ukoll ikkonfermat mid-derubat stess Grazio Cachia li fix-xiehda tieghu jikkonferma illi id-deheb kien mahzun gewwa "kaxxi tal-hadid' u li fis-serqa insteraqlu deheb li jiswa madwar Lm5000 kfi jirrizulta mil-lista minnu redatta.

Illi allura meta l-appellant jiċħad kategorikament li huwa kien fuq ix-xena tar-reat, dan ma jistax jitwemmen ghaliex mhux biss instabet marka tas-swaba li tappartjeni lilu mid-dar fejn sehhet is-serqa li tistabbilixxi l-presenza tieghu hemm gew, izda sahansitra l-post minn fejn gie elevat dan l-impronti huwa propju l-post fejn kienet tinsab ir-*res furtiva*. Dawn il-fatt probatorji ghalhekk irendu l-impronti diġitali misjuba u maqbula posittivament bħala prova indizzjarja univoka li ma tistax tagħti lok hlief għal xenarju wiehed u cioe' li l-appellant kien involut fis-serqa mertu tal-kaz u li allura waħedha hija prova sufficjenti  ai fini ta' sejbien ta' ħtija.

Illi allura, għal dak li jirrigwarda t-tieni akkuża miġjuba kontra l-appellant Zahra marbuta mar-reat tal-ħsara volontarja, din l-akkuża ghandha titqies bħala mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat ta' serq li ġie kommess mill-appellant u allura fil-komputazzjoni tal-piena ghandu japplika dak dispost fl-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali.

---

[5] Rapport esebiet bhala document CC fl-atti tal-proces verbal esebit in atti a fol. 34 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, billi kif inghad ghandu japplika dak dispost fl-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, ghandha tigi erogata l-piena ghar-reat tas-serq kif aggravat bil-valur, bil-lok u bil-mezz. Illi fit-termini ta'l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali ghandha tinghata dik il-piena mahsuba ghar-reat tas-serq aggravat bil-kwalifika tal-mezz, bil-piena madanakollu ma tistax tinghata fil-minimu taghha. Illi allura l-piena li ghandha tinghata ghar-reat addebitat lill-appellant hija dik mahsuba fl-artikolu 278(3) tal-Kodici Kriminali b'dan allura li l-piena ma tistax tinghata fil-minimu taghha u trid tizdied bi grad. Issa il-piena mahsuba fl-artikolu 279(b) ghas-serq aggravat bil-valur madanakollu hija dik ta' bejn tlettax-il xahar sa sebgha snin prigunerijia (billi l-valur tad-deheb misruq kien jizboq il-LM5000), bil-proviso ghall-artikolu 280(2) jispecifika allura illi ghandha tinghata din l-ahhar piena (u mhux dik tal-aggravju tal-mezz billi hija l-piena l-aktar gravuza) mizjuda bi grad biex b'hekk allura il-piena li ghandha tigi erogata hija, fil-minimu taghha, dik ta' tmintax-il xahar prigunerija.

Issa l-appellant jinsab akkuzat ukoll li huwa recidiv fit-termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Illi s-sentenzi esebieti mill-Prosekuzzjoni jirrisalu ghas-snin 1998 u 1999 u precisament ghal-25 ta' Gunju 1999 u 2 ta' Marzu 1998 meta l-appellant gie misjub hati tar-reat ta' serq aggravat biex b'hekk ghalkemm l-artikolu 50 ma jistax isib applikazzjoni billi t-terminu hemmhekk infraskritt ta' hames snin lahaq iddekorra, madanakollu ghandu japplika dak dispost fl-artikolu 289(1) tal-Kodici Kriminali biex b'hekk il-piena erogata ser terga' tizdied bi grad iehor, (ghalkemm din tista' tizdied sa tlett gradi billi din hija t-tielet kundanna) biex b'hekk il-piena fil-minimu taghha tizdied ghal dik ta' sentejn prigunerija.  Billi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2005 u l-appellant gie mixli bil-kummissjoni tar-reat hames snin wara, l-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tigi applikata dik il-piena vicin il-minimu taghha

Illi finalment l-appellant jinsab mixli bil-ksur tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-

Magistrati fit-30 ta' Marzu 2004 fejn gie applikat fil-konfront tieghu dak dispost fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana ghal zmien tlett snin. Illi huwa indubitat illi l-appellant ikkometta r-reati lilu addbitati fil-kaz odjern fil-perijodu ta' liberta kondizzjonata u allura din il-Qorti trid tibghat lil hati sabiex jigi trattat mill-gdid mill-Qorti tal-Magistrati ghal dan il-ksur fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 23(1)(b) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi finalment l-appellant ser jigi kkundannat ukoll ihallas l-ispejjez inkorsi fil-kors tal-*in genere* u dan fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 269, 278, 279(b), 280, 281, 285, 325(1)(a), 49 u 289, 17(h), 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ssib lil Mark Zahra ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sentejn u nofs priġunerija.

Wara li rat l-artikoli 22 u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-appellant jinġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex wara li titressaq prova sodisfaċenti dwar il-ħtija għal dak li jirrigwarda l-akkużi miġjuba kontra tiegħu fejn ġie ddikjarat ħati permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-30 ta' Marzu 2004, dik il-Qorti titratta mal-ħati ghar-reati hemmhekk infraskritti daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta' dawk ir-reati.

Inoltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lil Mark Zahra jħallas l-ispejjez peritali lir-Registratur tal-Qorti fis-somma ta' sitt mija tmienja u ħamsin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€658.44).

Edwina Grima

Imhallef